MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 62/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sandra Zammit]**
**Vs**
**Dominic Camilleri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Dominic Camilleri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 457576M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil- 5 ta' Frar, 2012 ghal-habta tas-14:00hrs fi Triq l-Imqabba, Siggiewi:

(1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. DBG-924 fit-triq jew f'post pubbliku mea ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

(2) W'aktar talli saq, ipprova jsuq jew kllu kontroll tal-vettura Nru: DBG-924 fit-triq jew f'post pubbliku wara li

kkonsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Il-Prosekuzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien ta mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Gunju, 2013 fejn il-Qorti fuq kunflitt ta' provi lliberat lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha **<u>tħassar u tirrevoka</u>** s-sentenza appellata, u minflok issib lill-appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah il-piena skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

Illi fl-4 ta' Frar 2013 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu manifestament aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata u għamlet enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi meta lliberat lill-appellat mill-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini ta' l-artikolu 413(1)(b)(*vi*) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat u dana stante illi:
1. Ma kien hemm ebda kunflitt ta' provi;
2. Ir-riżultat tat-test tan-nifs wera bl-aktar mod **<u>ċar u inekwivoku</u>** illi l-appellat kellu **44 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs**, meta l-limitu preskritt mill-liġi huwa ta' **35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs**; u

**3.** L-Ewwel Onorabbli Qorti bbażat il-liberatorja tagħha fuq **enunċjazzjoni manifestament żbaljata tal-liġi**, u cioe' fuq il-premessa żbaljata li l-limitu preskritt mill-liġi għal alkohol fin-nifs huwa ta' 43 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, **u dan meta l-limitu preskritt mill-liġi effettivament huwa ta' 35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, u mhux 43!!**

Illi a skans ta' dilungar inutli l-esponent jirreferi lil din l-Onorabbli Qorti għall-artikolu 15I(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi, *inter alia*, illi ***"il-limitu preskritt tfisser... 35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs";***
Illi kwindi, l-enunċjazzjoni li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi l-limitu preskritt mill-liġi għal alkohol fin-nifs huwa ta' **43** mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs kienet manifestament żbaljata;
Illi stabbilit illi skond il-liġi l-limitu preskritt għal alkohol fin-nifs huwa ta' **35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs**, u stabbilit ukoll mill-provi illi:
1. L-appellat **kien qed isuq** il-vettura *de quo* fid-data, ħin, u post *de quo*.[1]; u
2. L-ammont ta' alkohol li kellu l-appellat fin-nifs tiegħu kien ta' **44 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs[2]**

l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.
Illi tenut kont il-provi fuq imsemmija, kien għalhekk li quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-Prosekuzzjoni straħet fuq il-provi prodotti u m'għamlitx trattazzjoni formali – għaliex il-provi kienu jitkellmu waħedhom!! F'dan il-kuntest l-esponent, dejjem bid-dovut rispett, ma jistax jifhem il-għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti donnha kkunsidrat dan il-fatt bhala xi *nuqqas* da parti tal-Prosekuzzjoni!.
Illi għaldaqstant, in rikapitolazzjoni, ġaladarba ġie ppruvat lilhinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellat kien qiegħed isuq vettura meta l-ammont ta' alkohol fin-nifs

[1] Dan il-fatt huwa paċifiku u inkontestat.
[2] *Vide* riżultat tat-test, a fol. 9 ta' l-atti proċesswali.

tiegħu kien jeċċedi l-limitu preskritt mill-liġi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx legalment u ragjonevolment tilliberaħ mill-akkużi odjerni.
Illi huwa evidentissimu li l-Ewwel Onorabbli Qorti, dejjem bid-dovut rispett, illiberat lill-appellat abbażi ta' l-enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi fis-sens illi rritjeniet li l-limitu preskritt mill-liġi għal alkohol fin-nifs huwa ta' 43 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, u dan meta l-limitu preskritt mill-liġi effettivament huwa ta' 35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, u mhux 43.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Frar ta' l-2012, ghal habta ta' 1400 hrs fi Triq l-Imqabba, is-Siggiewi, l-appellant kien qieghed isuq il-vettura DBG 924, li sfat f'kolluzzjoni ma' karozza ohra bin-numru KBN 974, misjuq minn certu Stephen Calascione. Meta waslu l-Gwardjani Lokali fuq il-post, ikkonstataw li l-appellant kellu riha ta' alkolhol u ghalhekk infurmaw il-Pulizija sabiex isir it-test tan-nifs. PS 1585 James Wheatherhill acceda fuq il-post fejn saret il-kollizjoni u tkellem man-nies involuti, fosthom l-appellant li stqar mieghu li kien xorob tlett ifliexken birra. A bazi ta' dan, l-appellant ittiehed gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi, fejn wara li nghatawlu s-solitu twissijiet acceta li jaghmel it-test tan-nifs. Minn dan it-test irrizulta konsum ta' 44mg/100ml ta' proporzjon ta' alkohol fin-nifs, liema proporzjon jaccedi l-limitu preskritt mill-Ligi u cioe 35mg/100ml.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta' Jannar ta' l-2013, l-appellant gie lliberat minn dik il-Qorti peress illi argument li l-limitu preskritt mill-Ligi huwa ta' 0.43mg/100ml u ghalhekk dehrilha illi r-rizultat kien tant vicin dak stabbilit mill-Ligi, illi kellha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellant.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona Appell minhabba enuncazzjoni zballjata tal-Ligi. Skond l-Artiklu 151 (1) (A) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta "Il-limitu preskritt tfisser… 35 mikro gramma ta' alkohol f'100 milli litru tan-nifs". Quindi l-ewwel Qorti

kienet zballjata meta ddikjarat il-limitu preskritt mill-Ligi bhala ta' 43 mikru gramma.  Minn dan il-punt, quindi, l-Avukat Generali ghandu ragun u l-ewwel Qorti ma kinetx korretta meta kkwotat il-Ligi.  Fil-fatt irrizulta li l-appellant kien ecceda l-limitu bi 11-il mikro gramma u peress li ma kien hemm l-ebda dubju illi kien l-appellant li kien qieghed isuq il-vettura, din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti ghamlet sew meta sabet htija.

L-appellat argumenta pero li kellu jibbenefika mill-Artiklu 15 H proviso tal-Kap 65 li jippreskrivi illi s-sospenzjoni tal-licenzja kellha tinghata biss jekk dak li jkun jissupera l-limitu b'iktar minn 8 mikro grammi.  Kif diga inghad, l-appellat issupera l-limitu bi 11-il mikro gramm, allura f'dan il-kaz,  is-sospenzjoni tal-licenzja ghandha tapplika fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi, tilqa' l-Appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-Artikoli 15 A, 15 B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellat ghal multa ta' €500 u tordna s-sospenzjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien 6 xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------